**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs.**

**Anthony Cuschieri**

Numru 136/2010

Illum is-sebgha (7) ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Cuschieri**, ta' sittin sittin (60) sena, iben Anthony u Carmela neé Conti, imwieled Hal-Qormi nhar il-21 ta' Marzu 1949, u joqghod 99, Hasan, Triq Guzé Ellul Mercer, Qormi, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 328349(M) akkuzat talli:

1. nhar it-30 ta' April 2009 xi hin qabel nofs inhar, gewwa l-bini tal-Qorti, Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, b'cirkostanzi aggravanti, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioé offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Cuschieri, persuna li ghalqet l-

eta' ta' sittin sena u li huwa hu l-akkuzat, u dan skont ma' gie ccertifikat minn diversi tobba medici;

2. fl-istess jum, hin, lok, u cirkotanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

3. fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) ta-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 160) datata 28 ta' Gunju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214 u 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d), b'applikazzjoni tal-Artikolu 222(1)(a) ukoll kwantu ghal dak misjub fl-Artikolu 202(h)(ii), kif ukoll kif kwalifikat bl-Artikolu 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-23 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 169), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 160), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 232a *et seq.*).</u>

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 233), lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif

preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* pprezentata fit-2 ta' Frar 2016 (*a fol.* 235 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 241), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellha xejn x'izzid ma' dak indikat mill-*parte civile* fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016, lid-difiza u lill-konsulent legali tal-*parte civile* jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom bil-fomm (*a fol.* 243 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2011, xehed **Dr. Marco Ciliberti** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa avukat u li l-imputat huwa klijent tieghu. Jispjega li dakinhar tal-akkadut kienet qed tinzamm seduta bil-bini tal-Qorti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Schembri Gonzi u dana peress li hemm pendenti proceduri civili bejn l-imputat u huh George Cuschieri, f'liema proceduri George Cuschieri huwa assistit minn Dr. James D'Agostino. Jghid li waqt li kienet qed tinzamm is-seduta, Dr. Agostino u huwa xtaqu jitkellmu fuq possibilita' ta' transazzjoni, Dr. Schembri Gonzi rtirat u wara li rtirat: *"li gara huwa illi kif konna qeghdin, ghadna mal-mejda vicin il-hajt, kien hemm jiena u faccata tieghi Dr. D'Agostino. Hdejja fuq in-naha tax-xellug kelli l-imputat u faccata tieghi kien hemm George Cuschieri u fit-tarf l-iehor tal-mejda kien hemm is-sinjura tal-imputat u faccata taghha l-mara ta' George Cuschieri"* (*a fol.* 28-29). Jghid li f'hin minnhom, l-imputat u huh (li kienu faccata ta' xulxin mal-mejda) bdew jargumentaw. Jghid: *"f'hin minnhom George Cuschieri kien fil-fatt qam minn fuq is-siggu u kien ghamel gest speci b'idejh, hareg idejh 'l quddiem,*

*b'certu ton ta' herra"* (*a fol.* 29). Jispjega li minn dan il-hin il-quddiem kien hemm kaos shih. Jghid: *"Jigifieri qam hu, qam is-Sur Cuschieri, in-nisa spiccaw jaghtu ma' xulxin, daru mal-mejda u kull ma kien hemm l-art miksija hamra bid-dmija"* (*a fol.* 29). Jghid li z-zewgt ahwa spiccaw flimkien fuq in-naha tal-mejda fejn kien bil-qieghda George Cuschieri. Jiftakar sew li filwaqt li George Cuschieri kellu n-naha ta' mniehru u halqu bid-demm, l-imputat kellu ammont ta' grif ma' wiccu u ma' idejh li kellu d-demm fiha.

In <u>kontro-ezami</u> jispjega li fil-hin li l-ahwa Cuschieri bdew jargumentaw huwa kien qed jindirizza lil Dr. James D'Agostino. Jghid: *"X'qed jinghad u x'kienet il-mertu tad-diskussjoni bejniethom ma nafx"* (*a fol.* 31).

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014 (*a fol.* 176 *et seq.*), jghid li f'hin minnhom George Cuschieri kien qed jaghmel insinwazzjonijiet u jghid kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-imputat u li George Cuschieri qam minn postu u fetah idejh u f'dan il-hin hu u Dr. D'Agostino hargu minn gol-kamra fejn kienu. Jghid li anke fil-konfront tieghu kien sar xi theddid. Jikkonferma li l-mara tal-imputat giet aggredietha minn Teresa Cuschieri.

In <u>ri-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014 (*a fol.* 179), mistoqsi jghid kif setgha jara lin-nisa jiggieldu ladarba huwa qal li kien hareg mill-kamra, wiegeb li dan gara fi ftit sekondi u li fil-hin li George Cuschieri qam minn naha ghall-ohra u mess lil-imputat, hu (Dr. Ciliberti) ra liz-zewg nisa jitqabdu ma' xulxin sakemm hareg.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2011, xehed **George Cuschieri** (*a fol.* 43 *et seq.*) li ghazel li jixhed minkejja li l-imputat huwa huh. Jghid li ghandu 67 sena u li fl-eta' huwa akbar mill-imputat. Jghid li dakinhar tal-akkadut kien fil-Qorti flimkien ma' martu u l-avukat tieghu Dr. James D'Agostino. Jghid li kien hemm ukoll l-imputat, martu u Dr. Marco Ciliberti. Jghid li meta spiccat is-seduta, l-imputat semmielu persuna li huma kienu ssellfu minn ghandu 10,000 lira Maltin u tawh 7,500 lira Maltin bejn tlieta. Jixhed: *"U jiena ghidtlu mhux vera giddieb. Hu ghajjarni bewwiel u jiena qomt biex immur 'l barra, gibed is-siggu u beda jaghtini"* (*a fol.* 48). Jghid li

b'konsegwenza ta' dak li ghamel l-imputat, huwa (George Cuschieri) spicca b'imniehru miksur u bi snienu ta' fuq kollha jiccaqalqu b'konsegwenza tad-daqqa ta' ponn li tah l-imputat. Jghid li gie moghti seba' jew tmien daqqiet u li l-avukat ta' huh beda jghid lill-imputat biex jieqaf ghax kien ser joqtlu. Jghid li spiccaw fuq in-naha tal-mejda fejn kien hu (George Cuschieri). Jghid li spicca bid-demm u wara mar il-*polyclinic* u gie riferut l-iSptar u nzamm hemm jumejn. Ezebixxa erba' (4) ritratti tal-griehi li sofra, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "GC" (*a fol.* 54). Jghid li dawn ir-ritratti ttiehdu minn persuna li issa miet. Ezebixxa wkoll numru ta' certifikati medici li gew immarkati bhala Dok. "GC 1" (*a fol.* 55 *et seq.)*. Jghid li gie nfurmat li ma jistax jigi operat f'imniehru minhabba z-zmien.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li lill-imputat qallu li kien *"giddieb"* u jichad li lill-imputat qallu li kien *"halliel"*. Jghid li ftit wara li lill-imputat qallu li kien *"giddieb"*, l-imputat tah daqqa ta' ponn u stordieh. Wiegeb negattiv ghad-domanda: *"Ara jekk nghidx sew li x'hin ghidtlu giddieb, hu kien bil-qeghda u kont inti li mort u capcaptlu bil-ponn"* (*a fol.* 51). Jichad li beda jaqla' kemm jiflah lill-imputat u li l-imputat wara tah daqqa ta' ponn. Jichad li martu (mart George Cuschieri) bdiet tghajjar lill-mara tal-imputat li kienet *"qahba"* u *"ghajjura"*. Jichad li martu tat daqqiet bil-basket lill-mara tal-imputat. Filwaqt li kkonferma li huh l-imputat kellu attakk tal-qalb zmien qabel, wiegeb fin-negattiv ghas-segwenti domanda: *"Ara nghidx sew li hu tak dik id-daqqa wara li inti kont xbajt xxarrab daqqiet lilu? Hu kien ghadu bil-qeghda u taf li kellu attakk tal-qalb u kien ghadu kemm ghamel zewg molol"* (*a fol.* 53).

**George Cuschieri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 151 *et seq.*) fejn qal li hu twieled fil-5 ta' Marzu 1944. Huwa ezebixxa certifikat tat-twelid tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "GC" (*a fol.* 154). Mistoqsi dwar il-qaghda ta' sahhtu, jghid li llum il-gurnata din marret ghall-aghar peress li qal li mniehru kien ghadu miksur u dana minkejja li t-tabib kien qal li wara tlett xhur huwa (George Cuschieri) kien tajjeb.[1] Jghid li minn

[1] Depozizzjoni ta' Dr. Sinisa Lglicevic (*a fol.* 133 *et seq.*).

imniehru ma jistax jiehu nifs sewwa. Fir-rigward ta' snienu jghid li ghadhom jiccaqalqu u li kellu wahda miksura.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2011, xehdet ukoll **Teresa Cuschieri** (*a fol.* 61 *et seq.*) (mart George Cuschieri) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut inqala' dak li hija ssejjah bhala *"argument zghir"* (*a fol.* 62) meta ssemma' Anthony Pace. Tghid li zewgha qal lill-huh li kien qed jigdeb u l-imputat beda jghajjar lil zewgha *"bewwiel"*. Tghid li f'daqqa u l-hin zewgha ghamlilha sinjal u mexxa s-siggu biex johorgu u rat lill-imputat iqum minn mal-mejda u jdur maghha, peress li kien quddiemhom, u ta diversi daqqiet lil zewgha bil-konsegwenza li middu mal-art. Tghid li hi bdiet tipprova tferraqhom u li l-imputat beda jimbuttaha b'minkbejh l-iehor. Tghid li mart l-imputat poggietha bil-qeghda, qabditilha jdejha, gidmitlilha subghajha u wiccha kollu. Tghid li zewgha spicca mitluf minn sensieh u meta gie f'sensieh, marru l-Health Centre, saru certifikati u gew mibghuta l-iSptar peress li zewgha kellu xi ksur f'imniehru. Ezebiet dokument in sostenn tal-grif go wiccha u tal-gdim f'subghajha, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "TC" (*a fol.* 71). Ezebiet ukoll tlitt (3) ritratti tal-grif li saru go wiccha u tal-gidma f'subghajha, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "TC 1" (*a fol.* 72). Tghid li dawn ir-ritratti ttiehdu minn persuna li issa miet.

In <u>kontro-ezami</u> kkonfermat li zewgha qal lill-imputat li kien *"giddieb"*. Tichad li qallu li kien *"halliel"*. Tghid li l-imputat qal li zewgha kien *"bewwiel"*. Tichad li lill-imputat qaltlu biex lil zewgha ma jghidlux *"bewwiel"* u tichad ukoll li tat xi daqqa ta' basket jew li xejritu. Tghid li hija ma tatx b'idejha pero tghid li ppruvat tifridhom. Tichad li zewgha beda jersaq lejn l-imputat pero tghid li kien l-imputat li mar fuq zewgha bil-konsegwenza li zewgha spicca stordut u waqa' fl-art. Tichad li zewgha resaq lejn l-imputat u beda jaghtih u tichad ukoll li zewgha ghamel xi haga tant li tghid li beda jaqla' d-daqqiet biss. Tichad li zewgha ta xi daqqiet u li hi ghajjret lill-mara tal-imputat bil-kliem *"qahba"* u *"ghajjura"* u tghid li ma qaltilha xejn.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2011, xehed ukoll **Dr. James D'Agostino** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa jirraprezenta bhala avukat lil George Cuschieri u Teresa Cuschieri f'kawza civili li fiha hemm involut l-imputat f'liema kawza civili huwa assistit minn Dr. Marco Ciliberti liema kawza tirrigwarda flejjes li l-imputat jghid li huma dovuti. Jghid li dakinhar tat-30 ta' April 2009 ghall-habta tal-11.00am-11.30am kienet qed tinzamm seduta fil-Qorti quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Mariella Schembri Gonzi. Jghid li din is-seduta saret minghajr intoppi u wara li l-Assistant Gudizzjarju telqet minn fuq il-post, inqala' argument. Jghid li madwar il-mejda kienu bil-qieghda bil-mod segwenti: *"Left to right konna bil-qieghda, in-naha tat-tieqa Dr. Marco Ciliberti, Anthony Cuschieri u jidhirli li hdejh kien hemm is-sinjura tieghu. Faccata ta' Dr. Marco Ciliberti, kont bil-qieghda jiena, hdejja George Cuschieri u bil-qeghda warajna dahra mal-hajt is-sinjura Teresa Cuschieri"* (*a fol.* 75). Jghid li f'hin minnhom George Cuschieri gibidlu l-attenzjoni dwar dak li kien qed jghid Anthony Cuschieri fejn bdew jiddiskutu dwar somma li Anthony Cuschieri kien qed jghid li kien hallashom hu. Jghid li George Cuschieri ma kienx qed jaqbel mieghu. Jixhed li f'dan il-hin l-argument beda jishon u l-vucijiet taz-zewg persuni beda joghla. Jghid: *"Anthony beda jinsisti b'lehen gholi li beda jhallashom hu u George qallu: "Mhux vera. Inti qed tigdeb". Dak il-hin qam Anthony Cuschieri fuq il-mejda u sabbat idejh fuq il-mejda u beda t-tghajjir. Anthony Cuschieri ghajjar lil George Cuschieri bil-kliem "bewwiel" u "pulcinell" u dar jigri mal-mejda. George Cuschieri dak il-hin qam mis-siggu pero baqa' ezatti fejn kien. Anthony Cuschieri gie jxejjer idejh u jaghti bil-ponn. George Cuschieri gholla jdejh biex jipprova jilqa'. Sa frattant Dr. Marco Ciliberti gera wara Anthony Cuschieri izommu minn wara u jigri lura. U qallu: "X'qed taghmel? X'qed taghmel b'idejk". Sa frattant George Cuschieri ntlaqat bil-ponn go mniehru u go halqu. [...] Sa frattant kont qed nara wkoll lis-sinjura Cuschieri, il-mara ta' Anthony, tigri ghal fuq Teresa Cuschieri li baqghet bil-qieghda tigbidha minn xaghra u taghtiha b'idejha go rasha. Wara ovvjament kien hemm hafna ghajjat. [...] Dr. Marco Ciliberti rnexxielu fl-ahhar jigbed lura lil Anthony Cuschieri u jiehdu 'l barra u George Cuschieri baqa' hemmhekk fejn kien. Kien hemm demm mal-art u demm fuq il-mejda u demm anke fuq il-basket tieghi"* (*a fol.* 76). Ghad-domanda: *"Jigifieri meta sar l-argument fiziku bejniethom, inti qed tghid li Anthony Cuschieri kien facli li jmur fuq George u ma kien hemm xejn bejniethom?"* (*a fol.* 77), wiegeb:

*"Kien hemm il-mejda bejniethom pero Anthony Cuschieri ma setax ilahhaq bil-ponn li kieku ried minn hemm across the table. Fil-fatt hu qam u litteralment gera madwar il-mejda biex jaghti bil-ponn. George Cuschieri baqa' fejn kien. Kull ma ghamel qam bil-wieqfa biex jilqa'"* (*a fol.* 77).

In kontro-ezami jghid li Teresa Cuschieri baqghet bil-qieghda anke meta bdiet taqla' minn mart l-imputat. Ghad-domanda jekk rax lil George Cuschieri jqum minn bil-qieghda qabel ma bdiet il-glieda, wiegeb fin-negattiv u jghid li George Cuschieri qam fil-mument li Anthony Cuschieri kien diga' qam u kien wasal fil-parti l-qasira tal-mejda. Ma jiftakarx jekk Teresa Cuschieri qalet il-kelma *"bewwiel"* fil-konfront tal-imputat. Jghid li Teresa Cuschieri baqghet kwieta. Ghad-domanda jekk rax lil George Cuschieri jaghti daqqiet lill-imputat wiegeb li George Cuschieri beda jilqa' l-ponnijiet li kienu gejjin ghal wiccu u b'hekk kellu jgholli jdejh pero jghid li George Cuschieri ma laqax il-ponnijiet kollha li l-imputat beda jaghti. Jichad li George Cuschieri ta bil-ponn lill-imputat. Jghid li jidhirlu li in segwitu tal-akkadut l-imputat ma sofra l-ebda griehi.

Illi permezz ta' Nota (*a fol.* 89 *et seq.*) ipprezentata fis-26 ta' Lulju 2011 gie pprezentat kopja originali tal-*file* mediku ta' George Cuschieri flimkien ma' lista' ta' tobba li ezaminawh.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2011, xehed **PS 549 Reuben Pace** (*a fol.* 101 *et seq.*) rigward ir-rapport li kien sar fl-Ghassa tal-belt Valletta minn Teresa Cuschieri u zewgha George Cuschieri, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "RP" (*a fol.* 103 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PC 554 George Zammit** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien jinsab fil-bieb principali tal-Qorti u gie nfurmat biex imur fejn hemm l-Assistenti Gudizzjarji peress li kien hemm glieda. Jghid li hekk kif wasal fuq il-post kien hemm hafna demm mal-hajt u mal-art u ra wkoll lil George Cuschieri li kien mimli demm. Jghid li l-imputat kien lehaq telaq. Jghid li anke mart George Cuschieri kellha xi demm fuqha pero mhux daqs zewgha. Jghid li hu ma rax il-glieda.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2011, xehdet **Dr. Ethel Farrugia** (*a fol.* 119 *et seq.*) fejn spjegat li ezaminat lil George Cuschieri fit-30 ta' April 2009 fic-Centru tas-Sahha ta' Hal-Qormi fejn irrizulta li kellu s-segwenti: tbengil, nefha u barxa fuq l-imnieher, hmura u nefha fuq il-hugbejn tal-lemin, brix fuq il-wicc fuq iz-zewg nahat imma l-aktar fuq il-lemin u brix tul l-id tal-lemin. Tghid li rrizulta li George Cuschieri kellu ksur fl-imnieher u b'hekk hu gie mibghut l-iSptar Mate Dei. Ezebiet c-certifikat rilaxxat minnha, li gie mmarkat bhala Dok. "EF" (*a fol.* 121)[2].

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2011, xehed **Dr. John Attard Montalto** (*a fol.* 122 *et seq.*) fejn spjega li huwa dentist u li George Cuschieri kien mar ghandu wara glieda in segwitu ta' liema kiser *bridge* u li kellu jinbidel. Jghid li l-pazjent kellu brix ma' wiccu wkoll u kien qisu qala xeba' li kienet kompatibbli ma' *blunt injury*. Jghid li taht il-*bridge* kellu sinna miksura. Ikkonferma c-certifikat rilaxxat minnu li jinsab *a fol.* 57.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 186 *et seq.*), qal li George Cuschieri kien pazjent tieghu u li kien imur fil-klinika tieghu b'mod regolari peress li kien ghamillu *bridge ossia* sinna fissa. Jghid li fir-rigward tal-kawza odjerna, Cuschieri kien mar ghandu fl-4 ta' Mejju 2009 u li b'rizultat tal-incident in kwistjoni s-sinna li kien ghamel lil George Cuschieri kienet inkisret u b'hekk din intilfet bil-konsegwenza li George Cuschieri kellu l-vojt. Jghid li din tista' terga' ssir u li din tibqa' vojta jekk il-pazjent jiddeciedi li tibqa' vojta jew ghax ma jkollux flus biex jaghmilha. Jghid li wara li nqalghet is-sinna li kienet tkissret, hu ma regghax ghamillu ohra lil George Cuschieri u dana minkejja li kien qallu li setghet issir ohra u kien qallu kemm kienet ser tiswih u x'ried jaghmel.

In <u>ri-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 189 *et seq.*), ikkonferma li Cuschieri kien ilmenta li kien mugugh tant li ma setghax jiekol. Jghid li l-hanek ta' George Cuschieri kien ghadu fi stat tajjeb li jsir *bridge* iehor.

[2] Dan huwa identiku ghal dak li jinsab *a fol.* 58 u 135.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Frar 2012, xehed **Dr. Sinisa Lglicevic** (*a fol.* 133 *et seq.*) fejn wara li ra d-dokumenti li jinsabu *a fol.* 59 u 60, xehed li huwa rat lil George Cuschieri fl-*outpatients* tal-ENT tlitt xhur wara li huwa sofra l-griehi peress li beda jilmenta minn dak li huwa jsejjah bhala *nasal blockage*. Jghid li tlett xhur wara l-ewwel appuntament, cioé fit-3 ta' Novembru 2009, George Cuschieri kien qed jitjieb u kien ahjar.

In kontro-ezami mistoqsi kif jikklassifika l-griehi sofferti minn George Cuschieri wiegeb li skond hu dawn kienu griehi hfief.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' April 2012, xehdet **Dr. Bernice Vella** (*a fol.* 143 *et seq.*) fejn wara li rat li giet murja dokument immarkat bhala Dok. "GC 1" (*a fol.* 55)[3] qalet li fit-30 ta' April 2009 ezaminat lil George Cuschieri u sabet li kellu numru ta' brix fuq hugbejh, nefha u wgigh madwar l-ghajn il-leminija, kif ukoll tbengiela fuq l-imnieher u numru ta' brix fuq idu l-leminija. Tghid li minn *x-ray* li ttiehed irrizulta li kien hemm ksur fl-ghadam tal-imnieher u li minhabba sinjali ta' daqqa jew daqqiet fir-ras gie deciz li George Cuschieri jinzamm ghall-osservazzjoni. Ikklassifikat il-griehi bhala gravi.

In kontro-ezami, mistoqsija tghid fuq liema bazi waslet ghall-konkluzjoni li l-griehi kienu gravi, tghid li minhabba li kien hemm ksur fl-ghadam tal-wicc, precizament fl-imnieher. Tghid li kien hemm ftit caqlieq pero kien konfermat li kien hemm ksur. Fuq mistoqsija tal-Qorti tghid li generalment l-imnieher jigi mcaqlaq b'daqqa.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 169), l-i**Spettur Kylie Borg** ezebiet certifikat tat-twelid ta' George Cuschieri u ta' Anthony Cuschieri (*a fol.* 167 u 168).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2015, xehed **l-imputat Anthony Cuschieri** (*a fol.* 197 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-30 ta' April 2009 kien prezenti ghal seduta li kienet qed tinzamm fil-Qorti ghal liema seduta kien hemm prezenti martu u mart l-imputat u kif ukoll Dr.

[3] Dan huwa l-istess bhal dokument li jinsab *a fol.* 136.

Ciliberti u Dr. James D'Agostino. Jixhed li hekk spiccat is-seduta li kienet qed tinzamm quddiem l-Assistant Gudizzjarju u bdew jitkellmu fuq xi self, f'daqqa u l-hin qam George Cuschieri, beda jaghmillu l-ponn ma' wiccu (lill-imputat), beda jghajjru li hu *"halliel"*, u *"giddieb"* (lill-imputat) u beda jghezzez snienu. Jghid li tul dan il-hin hu (l-imputat) bil-qieghda kien u bil-qieghda baqa' u x'hin lil George Cuschieri qallu: *"Ghoqod bilqieghda ja bewwiel"*, il-mara ta' George Cuschieri hatfet minn wiccha lill-martu (tal-imputat) u tatha daqqa ta' basket go wiccha. Jghid li hu baqa' bil-qieghda u anke martu. Jghid li n-nisa kienu magenb xulxin u hu u huh kienu faccata tieghu. Jghid: *"Fid-daqqa u l-hin peress li hija kien bil-wieqfa l-mara tieghi qamet tigri hija George taha daqqa ta' ponn go wiccha lil mara, jien kont ghadni bil-qieghda sa dak il-hin. F'dak il-hin jiena qomt biex ma nhallihx isawwat iktar lil mara u tani daqqa ta' ponn"* (*a fol.* 199-200). Jghid li b'din id-daqqa ta' ponn, George Cuschieri hadu f'wiccu. Jghid li kien f'dan il-hin li hu (l-imputat) qam u beda jimbotta lil George Cuschieri minn sidru u George Cuschieri beda jimbuttah ukoll. Jghid: *"F'daqqa w il-hin hu tfixkel fis-siggijiet tieghu u ta' l-avukat u stabat ghal wiccu"* (*a fol.* 200). Jghid li fil-hin li bdew jimbuttaw lil xulxin hadd iehor ma nvolva ruhu. Jixhed li George Cuschieri pprova jqum u lil Dr. Ciliberti qallu li kien ser ipattihielu. Jghid li martu (mart l-imputat) ma tkellmet xejn u qabdu hergin il-barra u sema lil Teresa Cuschieri (mart George) tghajjar lil martu (mart l-imputat) *"qahba"* u *"ghajjura"*. Fir-rigward ta' dak li nstema' tul il-kawza rigward is-snien ta' George Cuschieri, jghid li madwar hdax (11) il-sena qabel George Cuschieri kien joqghod imiss snienu u jghidilhom biex jaraw kif spiccawlu snienu u li kienu jiccaqalqu. Jghid li mentri hu (l-imputat) ghandu 66 sena, huh George Cuschieri ghandu 70 sena. Jixhed fuq incidenti li allegatament sehhew ma' huh George Cuschieri.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huh George Cuschieri huwa jew daqsu fit-tul jew naqra itwal. Mistoqsi jghid kemm kien vicin tieghu huh George Cuschieri meta ghamillu l-ponn tieghu ma' wiccu (ma' wicc l-imputat), wiegeb: *"Imdendel fuq sidru hekk fuq il-mejda u kien forsi sitt (6) pulzieri, hames (5) pulzieri minn ma' wicci"* (*a fol.* 203). Jikkonferma li anqas l-avukat tieghu Dr. Ciliberti ma qal dan. Ghad-domanda: *"Issa jekk joghgbok inti taf illi kemm Dr. Ciliberti kif*

*ukoll l-avukat D' Agostino kkonfermaw illi inti u huk spiccajtu t-tnejn ma' l-art fuq in-naha tal-mejda fejn kien bil-qieghda huk hux hekk?"* (*a fol.* 203), wiegeb: *"Mhux veru jiena ma waqajtx"* (*a fol.* 203). Ikkonferma li huwa spicca n-naha l-ohra kif qal Dr. Ciliberti. Jghid li George Cuschieri ta daqqa ta' ponn lil martu u kif ukoll lilu. Jghid li hu (l-imputat) iddefenda ruhu. Jghid li dmija ma rax. Jghid li hu qabad u telaq il-barra. Jghid li lil Teresa Cuschieri hu ma ghamlilha xejn, anqas meta kienet iggranfata ma' martu. Mistoqsi jghid jekk George Cuschieri, wara li qam, l-ewwel ghajrux u wara ghamel il-ponn, wiegeb li George Cuschieri ghamel dawn iz-zewg affarijiet flimkien. Jghid li fl-istess hin hu (l-imputat) qam u beda jimbuttah minn sidru. Mistoqsi jghid jekk sa dan il-hin kien ghadx hemm il-mejda bejniethom, wiegeb: *Jiena dort il-din in-naha ghax kien qieghed isawwat lil mara u bdejt nimbuttah ghax hu kien qieghed tliet kwarti mill-mejda"* (*a fol.* 207). Jghid ukoll: *"kull ma kien hemm qisu pass u nofs ghax kien fuq il-mara"* (*a fol.* 207). Jghid li beda jimbotta lil George Cuschieri minn sidru wara li George Cuschieri kien ta daqqa ta' ponn lil martu u lilu. Jghid li hu ma ghamlilha xejn lil Teresa Cuschieri. Jichad li z-zewg nisa bdew jaghtu, pero jghid li Teresa Cuschieri bdiet taghti lil martu u li martu anqas qatt ma tkellmet. Jikkonferma li huh George Cuschieri dejjem jattakkah biex jiggelidlu. Jghid li huhhom Geranzio jaf x'kien jaghmel u x'jghidilhom George Cuschieri rigward snienu. Jixhed li r-relazzjoni bejn George Cuschieri u Geranzio hija hazina. Jghid li hu (l-imputat) u Geranzio jitkellmu. Jichad li kien hemm xi zmien fejn kienu miggieldin. Jghid li waqt li hu (l-imputat) kien qed jimbotta lil George Cuschieri, lilu (lill-imputat) tarlu l-*mobile* minn gol-but u George Cuschieri rifisulu u ghaffigulu. Dan il-*mobile* gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. "AC 2".

Gie ezebit certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "AC" (*a fol.* 209) u kif ukoll ittra legali u kopja ta' skrittuta ffirmata mill-imputat u Norman Zammit komplessivament immarkati bhala Dok. "AC 1" (*a fol.* 210 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehed **Geranzio Cuschieri** (*a fol.* 214 *et seq.*) fejn spjega li jigi hu l-imputat u l-kwerelant George Cuschieri. Meta gie mistoqsi jghid jekk huh George Cuschieri qattx

ilmenta mieghu fuq sahhtu, jghid li darba minnhom, madwar hdax il-sena qabel, huh George Cuschieri beda jghidlu li snienu kienu spiccawlu f'liema hin George Cuschieri beda jmiss snienu. Jghid li huh George Cuschieri qallu li ried jara x'ried jaghmel biex ikun jista' jibdilihom.

In kontro-ezami jghid li hu u huh George Cuschieri ma jitkellmux. Ikkonferma wkoll li hemm xi kawzi pendenti bejniethom. Jghid li l-ahhar li kellem lil huh George Cuschieri kien madwar erba' (4) snin qabel.

In ri-ezami kkonferma li r-relazzjoni ta' bejnu u huh George Cuschieri kienet tajba dakinhar li George Cuschieri qallu bil-problemi fi snienu. Jghid li darba minnhom George Cuschieri kien qal ukoll li kien ser jaghmel xi snien l-isptar. Jghid li din il-kwistjoni tas-snien issemmiet kemm il-darba. Jghid li, sa fejn hu, wara hames snin, huh George Cuschieri beda jbaghti biz-zokkor.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehdet ukoll **Mary Jane Cuschieri** (*a fol.* 220 *et seq.*) li ghazlet li tixhed minkejja li nghatat t-twissija peress li ghandha kawza kriminali pendenti kontra taghha. Tghid li dakinhar tal-akkadut kienet prezenti ghal seduta fil-Qorti. Tghid li beda jsir xi kliem fuq certu Norman Zammit u mistoqsija mill-Qorti jekk dan Zammit kienx kreditur taghhom, wiegbet: *"Kienu sselfu xi flus, kienu sselfu sebat'elef (7,000) lira Maltin u kien baghat ittra li jrid is-sebat elef (7,000) lira Maltin bl-imghaxx"* (*a fol.* 222). Tghid li f'dan il-hin George Cuschieri qal lil zewgha l-imputat jekk kienx jaf x'qed jghid u tghid li qallu: *"giddieb"* u *"halliel"*. Tghid li l-imputat qabez u qallu li kien jaf x'qed jghid u f'dan il-hin George Cuschieri qam minn bil-qieghda u bil-ponn ma' wicc zewgha l-imputat. Tghid li mentri George Cuschieri u l-imputat kienu faccata ta' xulxin mal-mejda ovali, hi u l-mara ta' George Cuschieri kienu fejn xulxin. Tghid li George Cuschieri rega' qam u ghamel il-ponn ma' wicc l-imputat u rega' qallu li kien *"giddieb u halliel"* (*a fol.* 222). Tghid li f'dan il-hin zewgha l-imputat lil George Cuschieri qallu biex joqghod bil-qieghda u qallu: *"bewwiel"* (*a fol.* 222). Tixhed li f'dan il-hin qamet Teresa Cuschieri, il-mara ta' George Cuschieri, u lill-imputat qaltlu: *""Bewwiel ma tghidlux""* (*a*

*fol.* 222) u Teresa Cuschieri tatha (lil Mary Jane) daqqa bil-*handbag* u b'idejha l-ohra hatfitilha wiccha. Tghid li hi (Mary Jane) qamet minn bil-qieghda u kif ghamlet hekk George Cuschieri, li kien ghadu bil-wieqfa u kellu jdejh kienu ghadhom bil-ponn, tahha daqqa ta' ponn fuq wiccha. Tispjega li kif zewgha ra lil George Cuschieri jaghmel hekk, l-imputat qam bil-wieqfa u George Cuschieri xejjirlu daqqa ta' ponn. Tghid li mbaghad George Cuschieri u l-imputat bdew jimbuttaw lil xulxin. Tghid li f'hin minnhom rat lil George Cuschieri jitfixkel gos-siggijiet b'wiccu mal-art u l-imputat nizel ghal *mobile* biex jigbru ghax kien imkisser u telqu l-barra. Tghid li waqt li kienu hergin, Teresa Cuschieri bdiet tghajjarha *"qahba"* u *"ghajjura"*. Semghet lil George Cuschieri jghid lil Dr. Ciliberti li kien ser ipattihielu. Tghid li ma ratx dmija peress li qabdu u hargu l-barra. Ghad-domanda jekk l-imputat tax daqqa lil George Cuschieri wara li George Cuschieri kien tah daqqa ta' ponn, tghid: *"Ghax hu r-ragel tieghi qam biex jimbotta jdejh peress li mess lili. Imbaghad bdew jimbuttaw lil xulxin"* (*a fol.* 224). Tghid li George Cuschieri waqa' mal-art.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li, fil-mument li zewgha l-imputat mar biex jigbor il-*mobile*, George Cuschieri tgerbeb fis-siggu. Tghid li zewgha gabar il-*mobile* mhux minn naha fejn waqa' George Cuschieri pero minn naha fejn kienu bil-qieghda huma. Tichad li zewgha u George Cuschieri f'xi hin spiccaw fuq l-istess naha tal-mejda. Mistoqsija tghid min qed jghid il-verita': jekk hux hi jew inkella Dr. Ciliberti li kkonferma li zewgha spicca fuq in-naha ta' fejn kien bil-qieghda George Cuschieri, wiegbet hekk: *"Issa ma nafx jiena qed nghidlek x'rajt jien"* (*a fol.* 226). Tghid li zewgha ccaqlaq minn mal-mejda biex johorgu l-barra. Tichad li f'xi hin l-imputat mar hdejn George Cuschieri. Tghid li bdew jimbuttaw lil xulxin. Ghad-domanda: *"Jekk apparti din li qalilna Dr. Ciliberti qalha wkoll l-avukat D'Agostino, it-tnejn qed jigdbu?"* (*a fol.* 226), wiegbet: *"Issa jiena hija ma nafx x'inhuma jaghmlu hu"* (*a fol.* 226).

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirrigwarda akkadut li sehh wara li kienet ghadha kemm inzammet seduta fil-bini tal-Qorti fil-belt Valletta ghal liema

akkadut kien hemm prezenti l-kwerelant George Cuschieri u martu Teresa Cuschieri u kif ukoll l-imputat Anthony Cuschieri u martu Mary Jane Cuschieri. Kien hemm prezenti wkoll Dr. Marco Ciliberti u Dr. James D'Agostino li kienu qeghdin jippratocinaw lill-klijenti rispettivi taghhom: filwaqt li Dr. D'Agostino kien qed jassisti lill-kwerelant George Cuschieri, huh Anthony Cuschieri kien patrocinat minn Dr. Ciliberti. Jirrizulta li kien hemm xi pendenzi bejn l-ahwa Cuschieri msemmija u li dak li gara gara wara li l-kwerelant Cuschieri qal lill-imputat "*giddieb*" in segwitu ta' liema l-imputat qal lill-kwerelant Cuschieri li huwa kien "*bewwiel*".

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- L-imputat fil-kawza odjerna huwa biss Anthony Cuschieri u ghaldaqstant il-Qorti ghandha tevalwa jekk il-provi li jirrizultaw mill-atti processwali jistghux iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront tieghu <u>biss</u> u dana rrilevanti minn dak li gara bejn il-persuni l-ohra li kien hemm prezenti waqt l-akkadut.

- Illi dak li xehed il-kwerelant Cuschieri u martu m'huwiex simili ghal dak li nghad mill-imputat Cuschieri u martu. *Da parte* taghhom, George Cuschieri u martu Teresa Cuschieri xehdu li wara li l-imputat qal "*bewwiel*" lil George Cuschieri, hekk kif George Cuschieri qam biex jitlaq il-barra, l-imputat tah daqqa ta' ponn u beda jaghtih.

  *Da parte* tieghu, Anthony Cuschieri xehed li George Cuschieri qam bil-wieqfa u beda jaghmillu l-ponn ma' wiccu u beda jghajjru u x'hin lil George Cuschieri qallu biex joqghod bil-qieghda u qallu "*bewwiel*", il-mara ta' George Cuschieri hatfet minn wiccha lill-martu (tal-imputat) u tatha daqqa ta' basket go wiccha. Jghid li hu baqa' bil-qieghda u anke martu. Skond l-imputat hu qam biss wara li George Cuschieri ta daqqa ta' ponn lil martu u li hekk kif qam, George Cuschieri tah daqqa ta' ponn. Jghid li kien f'dan il-hin li hu beda jimbotta lil George Cuschieri minn sidru u George Cuschieri beda jimbuttah ukoll u li f'daqqa u l-hin il-kwerelant Cuschieri tfixkel fis-siggijiet

tieghu u ta' l-avukat u nstabat ghal wiccu. *Da parte* taghha, Mary Jane Cuschieri xehdet li zewgha l-imputat qam biss minn postu wara li George Cuschieri tahha daqqa ta' ponn fuq wiccha u li hekk kif l-imputat qam bil-wieqfa u George Cuschieri xejjirlu daqqa ta' ponn.

- Tenut kont tal-fatt illi l-verzjoni moghtija mill-kwerelant Cuschieri u martu mhijiex fuq l-istess linji ta' dik moghtija mill-imputat u martu, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni b'aktar piz il-verzjoni moghtija miz-zewg persuni l-ohra li kienu prezenti waqt l-akkadut, cioé l-avukati tal-partijiet. Filwaqt li Dr. James D'Agostino spjega li kif wara li l-imputat uza l-kliem "*bewwiel*" u "*pulcinell*" fil-konfront tal-kwerelant Cuschieri, l-imputat qam minn postu, gera mal-mejda, mar fejn George Cushieri u beda jaghtih bil-ponn, Dr. Marco Ciliberti jiddeskrivi kif f'hin minnhom George Cuschieri qam minn fuq is-siggu u hareg idejh 'l quddiem u li minn dan il-hin il-quddiem kien hemm kaos shih. Dr. Ciliberti ma kienx car daqs Dr. D'Agostino. *Di fatti*, Dr. Ciliberti jghid biss: "*Jigifieri qam hu, qam is-Sur Cuschieri, in-nisa spiccaw jaghtu ma' xulxin, daru mal-mejda u kull ma kien hemm l-art miksija hamra bid-dmija*" (*a fol.* 29).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser l-ewwel taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-fatt li l-verzjonijiet moghtija mix-xhieda f'dawn il-proceduri mhumiex fuq l-istess linji.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza

mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi minkejja li din il-Qorti ma ghexietx il-process kollu ta' dan il-kaz, mill-atti processwali, b'mod partikolari mid-depozizzjoni tax-xiehda kif moghtija mid-diversi persuni li gew imressqa f'dawn il-proceduri, il-Qorti tqies li l-verzjoni moghtija mill-kwerelant u martu ghandha mis-sewwa, u cioé li l-imputat qam minn postu u mar hdejn il-kwerelant u tah daqqiet bil-ponn u li l-kwerelant George Cuschieri beda jilqa' d-daqqiet. Dan qieghed jinghad minhabba li d-depozizzjoni ta' George Cuschieri, martu u l-konsulent legali tal-kwerelant hija aktar cara u konsistenti minn dik moghtija mill-imputat, martu u Dr. Ciliberti. Da parte tieghu, Dr. Ciliberti ma jsemmi xejn fir-rigward tal-allegat fatt li l-kwerelant George Cuschieri ta daqqa ta' ponn lill-mara tal-imputat, kif jinghad mill-imputat u martu li jghidu li kien in segwitu ta' din id-daqqa ta' ponn li beda l-argument fiziku!

Illi l-Qorti tinnota kif ma jirrizultax kontestat li l-imputat spicca fuq in-naha tal-kwerelant George Cuschieri, liema fatt jassoda l-verzjoni moghtija minn George Cuschieri li l-imputat dar mal-mejda u mar ghalih. Ma jirrizultax pruvat bl-ebda mod li l-kwerelant George Cuschieri ta daqqa ta' ponn lil mart l-imputat u b'hekk, tenut kont ta' dan u ta' dak li nghad hawn fuq, il-verzjoni moghtija mill-imputat u minn martu mhijiex wahda kredibbli.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni –**
**(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' George Cuschieri b'numru ta' Aggravanti):**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta' natura gravi fil-konfront tal-kwerelant George Cuschieri u dana bic-cirkostanzi aggravanti li l-imputat huwa hu l-kwerelant u *stante* li l-kwerelant qabez l-età ta' sittin sena. Il-Qorti tinnota li filwaqt li ma giex kontestat li l-imputat u l-kwerelant huma ahwa[4], jirrizulta wkoll li meta gara l-akkadut mertu tal-proceduri odjerni l-kwerelant kien qabez l-età ta' sittin sena.

Illi fir-rigward tal-griehi sofferti mill-kwerelant George Cuschieri, il-Qorti tinnota fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew

[4] Dan jirrizulta wkoll mic-certifikati tat-twelid taghhom, liema certifikati jinsabu *a fol.* 5, 154, 167 u 168.

> esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-Gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, apparti x-xiehda moghtija mill-kwerelant George Cuschieri (*a fol.* 43 *et seq.* u *a fol.* 151 *et seq.*) fejn xehed rigward il-griehi sofferti minnu u apparti r-ritratti tal-griehi li sofra (Dok. "GC" – *a fol.* 54), il-Qorti ser tevalwa wkoll is-segwenti:

(a) Id-depozizzjoni ta' Dr. Ethel Farrugia (*a fol.* 119 *et seq.*) u c-certifikat taghha (Dok. "EF" – *a fol.* 121; *a fol.* 135). Hija ezaminat lill-kwerelant George Cuschieri fit-30 ta' April 2009 fic-Centru tas-Sahha ta' Hal-Qormi fejn sabet li kellu brix, hmura, tbengil u nefha u li, b'mod partikolari, minn *x-ray* irrizulta li kellu ksur f'imniehru. Dr. Farrugia kklassifikat il-griehi bhala griehi ta' natura gravi.

(b) Id-depozizzjoni ta' Dr. Bernice Vella (*a fol.* 143 *et seq.*) u c-certifikat mediku (Dok. "GC 1" – *a fol.* 55; *a fol.* 136). Hija ezaminat lill-kwerelant Cuschieri fl-iSptar dakinhar tal-akkadut u xehdet fuq l-istess linji li xehdet fuqhom Dr. Ethel Farrugia. Anke hija tghid li minn *x-ray* li ttiehed irrizulta li kien hemm ksur fl-ghadam tal-imnieher. Anke hija kklassifikat l-griehi tal-kwerelant bhala griehi ta' natura gravi.

Illi l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni: (a) id-depozizzjoni moghtija minn Dr. John Attard Montalto (*a fol.* 122 *et seq.* u *a fol.* 186 *et seq.*) u c-certifikat rilaxxat minnu li jinsab *a fol.* 57, u kif ukoll (b) dak li xehed Dr. Sinisa Lglicevic (*a fol.* 133 *et seq.*) li ezamina lill-kwerelant tlitt xhur u sitt xhur wara l-akkadut.

Illi minkejja li Dr. Sinisa Lgliceviv qal li l-griehi sofferti mill-kwerelant Cuschieri kienu ta' natura hafifa, pero l-Qorti tinnota li huwa rat lill-kwerelant fl-*outpatients* xhur wara l-akkadut. Fir-rigward tat-tentattiv tad-difiza fejn tipprova turi li l-kwerelant Cuschieri kellu problemi fi snienu ferm qabel l-akkadut, apparti l-fatt li dan jista' jkun minnu, pero jibqa' l-fatt li gie pruvat li fl-akkadut mertu ta' dawn il-proceduri kien hemm ksur fis-sinna taht il-*bridge* f'halq l-imputat.

Tenut kont ta' dan kollu, m'hemmx dubju li mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha b'dan illi l-Qorti tinnota li l-htija taht din l-imputazzjoni tirrizulta minhabba l-fatt li gie pruvat li l-imputat kkawza l-griehi gravi sofferti mill-kwerelant minhabba l-ksur f'imniehru u tal-*bridge* fi snienu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Vjolenza kontra l-Privat)</u>**:

Illi din l-imputazzjoni temergi minn Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tiddisponi s-segwenti:

> (1) "Kull min juza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, jehel, meta jinsab hati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-ahhar artikolu qabel dan.
>
> (2) Jekk il-hati jasal fil-hsieb tieghu, huwa jehel il-piena msemmija fis-subartikolu (2) tal-ahhar artikolu qabel dan".

Illi l-Qorti tinnota li ma giex pruvat dak provdut fis-subartikoli kwotati hawn fuq u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Biza' li ser tintuza Vjolenza)</u>**:

Illi fic-*charge sheet* mahruga fil-konfront tal-imputat, l-imputat gie akkuzat li bezza' li se tintuza vjolenza liema reat jemergi minn Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu ma jirrizultax fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota s-segwenti:

(a) L-imputat ma jistghax jinvoka l-provokazzjoni f'dan il-kaz. L-imputat irritalja ghal kliem tal-kwerelant Cuschieri billi kkawzalu griehi ta' natura gravi. Riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-Qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".

(b) Lanqas ma jista' l-imputat jinvoka l-legittima difeza u dana *stante* li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad fuq dina l-iskriminanti s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi

> milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

**Ikkunsidrat**

Illi hija biss l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentement pruvata.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-kwerelant huh kien wiehed li setgha jigi evitat. L-attakk tal-imputat fuq il-kwerelant George Cuschieri huwa ta' min jistmerru. Il-vjolenza qatt m'ghandha tigi tollerata. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u li giet pruvata u kif ukoll il-fedina penali (*a fol.* 6 *et seq.*) tal-istess imputat.

Illi, in segwitu ta' dan, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fic-

cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li huwa ghamel dakinhar tat-30 ta' April 2009 fil-konfront ta' huh George Cuschieri kien hazin hafna u jaghraf ma jergghax jirrepetih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, u, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 28 ta' Gunju 2012 u senjatament Artikoli 202(h)(ii), 214, 216(1)(a)(ii), 216(1)(a)(iii), 216(1)(b), 216(1)(d), 222(1)(a) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Anthony Cuschieri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' George Cuschieri ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**